MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 1610/2000/1

**Carmelo u Maryrose konjugi Vidal**

**vs**

**Richard Borg**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-20 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut fuq indikat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni minnu sofferti fl-incident awtomobilistiku li sehh nhar is-16 ta' Lulju tas-sena 2000 fi Triq D'Argens kantuniera ma' Triq Sliema fil-Gzira fil-11.30 ta' filghodu meta konsegwenza ta' sewqan hazin,**

**negligenza, imperizja, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkawza l-incident aktar 'l fuq indikat bil-konsegwenza li l-vettura propjeta' ta' l-attur numru tar-registrazzjoni CAR 696 garrbet hsarat konsiderevoli ghal liema hsarat jahti unikament l-istess konvenut;**

**2. Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Settembru tas-sena 2000 u bl-imghaxijiet legali sad-data ta' l-effettivament pagament kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni;**

**3. Illi ai finijiet tal-ligi l-valur ma jeccedix l-elf lira Maltija, (LM1,000.00,0);**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-16 ta' Marzu tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talba tal-atturi ghandha tkun respinta bl-ispejjez kontra taghhom stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni gara unikament htija tal-attur Carmelo Vidal;**

**2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu riprodotti sintetikament bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident in dizamina sehh ghall-habta tal-11.30 ta' filghodu tas-16 ta' Lulju tas-sena 2000 ta' Triq d'Argens ma' Triq Sliema, il-Gzira;**

**2. Illi l-vetturi nvoluti kienu dik tal-marka Seat Cordoba bin-numru ta' registrazzjoni CAR-696 misjuqa mill-attur Carmelo Vidal, u dik tal-marka Bedford, xarabank tal-linja, bin-numru ta' registrazzjoni FBY-751, misjuqa mill-konvenut Richard Borg;**

**3. Illi skond l-atturi u xhieda okulari ohra minnhom ipprezentati hu sintetikament allegat is-segwenti:**

**a. Illi l-attur Vidal waqt li kien isuq il-vettura tieghu fuq indikata fi Triq Sliema, il-Gzira, kellu jieqaf fl-inkrocju ta' din it-triq qabel ma jkompli fi Triq D'Argens fl-istess lokalita' peress li t-"traffic lights" urew il-kulur ahmar;**

**b. Illi meta qaleb id-dawl xhud partikolari li kien propju jsuq il-vettura immedjatament wara dik ta' l-atturi, gibed l-attenzjoni tal-attur konducent, li kien qaleb id-dawl, daqq ukoll il-"horn" biex dan l-attur jipprocedi, (ara fol 85);**

**c. Illi hekk kif l-attur ipproceda fegget il-karozza tal-linja misjuqa mill-konvenut u sehh l-incident de quo;**

**d. Illi l-vettura tal-attur habtet f'nofs ix-xarabank de quo li bid-"double wheel" tieghu ikkaguna hsarat ingenti fuq il-vettura ta' l-atturi;**

**e. Illi effettivament d-danni sofferti mill-atturi fil-vettura taghhom komplessivament jammontaw ghall-elf, mija u tminn Liri Maltin u tnejn u tmenin centezmu, (LM1,108.82,0), li jezorbita l-limitu indikat mill-istess atturi meta huma ghazlu li jipproponu t-talbiet taghhom kontra l-konvenut, (ara l-avviz promotur);**

**4. Illi skond il-konvenut jirrizulta allegatament is-segwenti:**

**a. Illi hu kien qed isuq ix-xarabank fuq indikat u kien niezel Triq D'Argens, il-Gzira, fid-direzzjoni lejn il-Belt;**

**b. Illi jsostni li meta avvicina t-"traffic lights" li hemm f'din it-triq dawn kienu qed jindikaw id-dawl ahdar u ghadda normali;**

**c. Illi meta qabez l-inkrocju sema' hoss kbir u peress li xi hadd kien habat mieghu waqqaf ix-xarabank biex jara x'gara;**

**d. Illi meta nizel ra l-vettura ta' l-atturi mahbuta fuq ix-xellug tieghu fid-"double-wheel";**

**Ikkunsidrat:**

**Illi ghalkemm il-versjonijiet ipprezentati jikkontrastaw ma' xulxin pero' id-dinamika ta' l-incident u l-eventwali responsabbilita' tista' tigi karpita mir-rizultanzi;**

**Illi dawn jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident sehh f'inkrocju munit b'sett ta' "traffic lights" biex mhux biss jirregolaw il-fluss tat-traffiku li jista' jkun ghaddej minn hin ghal hin, izda li jirrendu dan l-inkrocju wiehed priv minn kwalunkwe perikolu;**

**2. Illi d-distanza bejn il-post fejn huma imwahhlin l-imsemmija "traffic lights" u l-isbokk ta' l-inkrocju relattiv huwa wiehed twil bizzejjed li jippermetti lill-vetturi li jkunu qed joperaw fih biex jipprocedu minghajr perikolu ghalihom jew ghal haddiehor;**

**3. Illi l-perikolu inholoq meta l-konducenti involuti m'osservawx l-indikazzjonijiet moghtija mill-istess "traffic lights" u meta l-istess konducenti ippekkaw fil-prudenza dovuta fis-sewqan;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li z-zewg konducenti effettivament jippekkaw f'dan ir-rigward u t-tnejn jidher li kkontribwew, ghalkemm f'mizura differenti, ghall-incident in dizamina;**

**Illi l-konvenut, nonostante li jsostni l-kuntrarju, jidher li pproceda biex jaqsam l-inkrocju de quo fl-ahhar mument u allura ma kellux hin sufficjenti biex jipprocedi b'inkolumita' ghalih u ghal haddiehor;**

**Illi jirrizulta wkoll li l-attur konducent baqa' jipprocedi fl-inkrocju meta dan kien gia' precedentement okkupat bix-xarabank u ma ghamel xejn biex jevita l-impatt;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi in vista tal-premess din il-qorti tikkonkludi li l-konvenut hu responsabbli ghall-zewg terzi, (2/3), tad-danni ikkawzati filwaqt li l-attur hu responsabbli ghar-rimanenti terz, (1/3);**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddesponi minn din il-kawza billi:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Richard Borg u l-attur Carmelo Vidal huma responsabbli ghall-incident de quo fi kwota ta' zewg terzi u terz rispettivament kif fuq sottolineat;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' elf Lira Maltin, (LM1,000.00,0), kif minnhom stess delimitati fl-avviz odjern, u mhux kif effettivament jirrizulta, u dan stante d-delimitazzjoni pregudizjali ta' l-istess atturi fl-avviz li ta' bidu ghal din il-procedura;**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Richard Borg ihallas lill-atturi l-ammont ta' sitt mija u sitta u sittin Lira Maltin, (LM666.00,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti, fl-istess proporzjon kif fuq indikat, ta' l-ahhar mid-29 ta' Settembru tas-sena 2000.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------